**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 7 ta' Ottubru 2015**

**App. Nru. 392/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carl Grima**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Carl Grima, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 159981(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-4 ta' Diċembru 2012 u fix-xhur ta' qabel ġewwa Juno, Bieb C, Appartament Numru 1, Triq Juno, Pembroke, ikkommetta serq ta' ġojjellerija liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Sandra Vella minn Pembroke u/jew persuni oħra;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Settembru 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 261(c)(d)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Carl Grima ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu sena priġunerija sospiża għal sentejn ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijet ta' Malta. Inoltre l-istess Qorti ordnat lill-imsemmi Carl Grima jħallas is-somma

likwidata ta' tlett elef seba' mija u disgħin euro (€3,790) lill-*parte civile* fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza appellata ai termini ta' l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-30 ta' Settembru 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu bil-kwalifiki kollha kif abbinati mal-istess imputazzjoni, filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena li ngħatat fil-konfront ta' l-appellat u tinfliġġi piena li hija fil-parametri tal-liġi relevanti kif ukoll adegwata għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xiehda tal-*parte civile*; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali huwa s-segwenti:

> "Illi ... ai termini tal-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali, l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta giet biex tinfliggi l-piena fil-konfront tal-appellat. Dana qieghed jinghad il-ghaliex il-piena inflitta fuq l-appellat hija piena taht il-minimu preskritt mill-ligi u dana hekk kif ser jig spjegat izjed 'il quddiem;
>
> "Illi ghaldaqstant dan l-umli appell qed jigi interpost ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> "Illi hekk kif gie spjegat iktar il-fuq l-appellat, fuq ammissjoni tieghu stess, instab hati tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-'valur' li jeccedi s-somma ta' elfejn, tliet mija u disghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-'persuna' u bil-'lok' u dana ai termini tal-artikoli 261(c), (d) u (e); 267; 268(b); 269(g); 279(b) u 280(1) tal-Kodici Kriminali. Illi minn ezami akkurat tad-dispozizzjonijiet hawn fuq imsemmija jirrizulta illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt timponi l-piena ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn meta l-minimu preskritt mill-ligi ghar-reat hawn fuq imsemmi huwa dak ta' sentejn prigunerija u dana irrispettivament mill-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali;
>
> "Illi dana qieghed jinghad il-ghaliex galadarba l-valur tar-refurtiva huwa aktar minn elfejn, tliet mija u disghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ir-reat ta' serq, bil-kwalifika tal-'valur' biss fl-ammont hawnhekk imsemmi, huwa punibbli b'minimu ta' tlettax-il-xahar sa massimu ta' seba' snin u dana ai termini tal-artikolu 279(b) tal-Kodici Kriminali. Illi fil-kaz odjern, apparti l-kwalifika tal-'valur', ir-reat ta' serq kien ukoll kwalifikat bil-kwalifiki tal-'persuna' u tal-'lok' u ghaldaqstant il-piena applikabbli ghall-kaz odjern hija dik ai termini tal-artikolu 280(1) tal-Kodici Kriminali, liema artikolu jistipula:

"*'Meta s-serq ikkwalifikat bil-'valur' ikun akkumpanjat b'wahda jew izjed mill-kwalifiki l-ohra, izda mhux b'dik tal-'vjolenza' jew tal-'mezz', il-hati jehel, skont il-kaz, il-pieni imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan* (fil-kaz odjern il-piena stipulata fl-artikolu 279(b) hekk kif hawn fuq imsemmi) ***izda dawn ma jinghatawx fil-minimu taghhom.****'*

"Illi artikolu 20 tal-Kodici Kriminali jistipula x'jigifieri meta l-ligi tipprovdi li piena 'ma ghandhiex tinghata fil-minimu taghha' u fil-fatt dan l-artikolu jistipula:

"*'Meta l-ligi tiddisponi espressament li piena m'ghandhiex tinghata fil-minimum,* ***il-piena li ghandha tinghata ghandu dejjem ikun fiha ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.****'*

"Illi fil-kaz odjern id-differenza bejn il-minimu (13 il-xahar prigunerija) u l-massimu (seba' snin prigunerija) tal-piena applikabbli (skond kif intqal iktar 'il fuq) hija ta' wiehed u sebghin xahar prigunerija, li terz tal-istess differenza tammonta ghal sentejn prigunerija. Ghaldaqstant ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi hawn fuq citati isegwi li l-piena minima applikabbli ghall-appellat fil-kaz odjern hija dik ta' sentejn prigunerija u l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tinzel taht l-imsemmija piena minima ta' sentejn prigunerija. Dana qieghed jinghad ukoll konsiderando il-fatt li fis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti ma saret l-ebda referenza ghall-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u lanqas ma jissemmew xi ragunijiet specjali u straordinarji kif jirrikjedi l-imsemmi artikolu 21 sabiex il-Qorti tkun tista' tinzel taht il-minimum tal-piena preskritta mill-ligi.

"**Illi in vista tar-ragunijiet suesposti kif ukoll irrispettivament mill-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tinfliggi piena ta' sena prigunerija meta l-minimu stabbilit mill-ligi ghar-reat ammess mill-appellat huwa dak ta' sentejn prigunerija.** Ghaldaqstant indubjament isegwi illi l-piena ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn hekk kif erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata sabiex tali piena tkun tirrefletti dik il-piena applikabbli skond id-dispozizzjonijiet tal-ligi relevanti fir-rigward tar-reat addebitat fil-konfront tal-appellat"

**6.** Din il-Qorti, wara li eżaminat l-atti kollha, tgħid mill-ewwel li l-Avukat Ġenerali għandu raġun. Il-valur tar-refurtiva kien ta' tlett elef seba' mija u disgħin euro (€3,790). L-appellat ġie akkużat b'serq ikkwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). L-artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li fejn il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija hija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin. Imbagħad, skond l-artikolu 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, meta s-serq ikkwalifikat bil-'valur' ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra – bħalma hu fil-każ odjern – iżda mhux b'dik tal-'vjolenza' jew tal-'mezz', il-ħati jehel, skond il-każ, il-pieni imsemmijin fl-artikolu 279 (fil-każ odjern il-piena stipulata fl-artikolu

279(b)) iżda dawn ma jingħatawx fil-*minimum* tagħhom. Skond l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali, meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-*minimum*, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum*. Id-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum* f'dan il-każ hu ta' wieħed u sebgħin (71) xahar. Terz ta' din id-differenza jekwivali għal 23.67 xahar. Mela l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi taħt il-*minimum* stabbilit mil-liġi.

**7.** Sabiex Qorti tkun tista' tagħti piena taħt il-*minimum*, iridu jeżistu raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza. L-ewwel Qorti ma semmiet l-ebda raġuni speċjali u straordinarja. L-ammissjoni ta' l-appellat mhijiex tali raġuni. Issa, f'dik is-sentenza l-ewwel Qorti ordnat lill-appellat, stante li ma kienx irritorna l-ġojjellerija minnu misruqa, iħallas lill-*parte civile* l-valur ta' dik il-ġojjellerija. Quddiem din il-Qorti xehdet il-*parte civile*, Sandra Vella, li stqarret li hija tħallset l-ammont kollu dovut mill-appellat għal dik il-ġojjellerija. Tali ħlas lanqas ma jista' jitqies raġuni speċjali u straordinarja peress illi dak li għamel l-appellat huwa li kien qiegħed josserva ordni tal-Qorti. Għalhekk l-appell ta' l-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellat sena priġunerija sospiża għal sentejn ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijet ta' Malta, u minflok tikkundannah għal priġunerija għal perijodu ta' sentejn liema sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn millum huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Din il-Qorti spjegat lill-imsemmi Carl Grima bi kliem ċar ir-responsabbilta` tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.